

Brussell, 3 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

12752/22

---

Fajls Interistituzzjonali:  
2022/0244 (NLE)  
2022/0247 (NLE)

---

PECHE 347

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja  
tal-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius<sup>1</sup> (il-"Ftehim") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.
- (2) L-ewwel protokoll<sup>3</sup> għall-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.
- (3) It-tieni protokoll<sup>4</sup> għall-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dak il-protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

<sup>3</sup> Il-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

<sup>4</sup> Il-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3).

- (4) Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u Mauritius<sup>1</sup> estenda l-applikazzjoni tat-tieni protokoll għall-Ftehim sal-4 ta' Ottubru 2022.
- (5) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Mauritius għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.
- (6) Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u Protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim ( "il-Protokoll") għal perjodu ta' erba' snin ġie inizjalat fis-7 ta' Mejju 2022.
- (7) L-objettiv tal-Protokoll huwa li jimplimenta l-Ftehim biex jippermetti lill-Unjoni u lil Mauritius jikkollaboraw aktar mill-qrib biex jipromwovu l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ekonomija tal-oċeani, tal-akkwakultura, tal-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, tal-ippjanar spazjali marittimu, tal-enerġija marittima u tal-ambjent marittimu, tal-iżvilupp ta' politika marittima u tal-ekonomija blu, filwaqt li jikkontribwixxi biex il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd ikunu diċenti.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

---

<sup>1</sup> Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 45)

- (9) Meta wieħed iqis l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Mauritius u l-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat mill-aktar fis.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu, u jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ mal-adozzjoni tagħha.
- (11) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u ta opinjoni fl-24 ta' Ottubru 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jimplementa l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Mauritius (2022-2026) huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.<sup>1+</sup>

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 18 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Protokoll huwa ppubblikat fi ...

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna bir-referenza għall-pubblikazzjoni tal-Protokoll fi ST 12785/22.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---